A.L. 364 ta' l-2004

ATT DWAR IS-SWIEQ FINANZJARJI

(KAP. 345)

Regolamenti ta' l-2004 dwar ir-Rikonoxximent tad-Dettalji ta' l-Elenku Approvati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 49 ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, bil-parir ta' l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta bħala l-awtorità kompetenti għall-għanijiet ta' l-Att, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2004 dwar ir-Rikonoxximent tad-Dettaliji ta' l-Elenku Approvati.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu biex jimplimenta d-disposizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2001/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju, 2001 dwar l-ammissjoni ta' titoli fl-elenku ta' borża uffiċjali u dwar l-informazzjoni li għandha tiġi ppubblikata rigward dawk it-titoli, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "id-Direttiva", u dawn ir-regolamenti għandhom jiġu interpretati u applikati skond dik id-Direttiva.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti -

Kap. 345.

"l-Att" tfisser l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji u l-kliem u l-frażijiet użati jkollhom l-istess tifsira bħal ma hi mogħtija lilhom fl-Att imsemmi, sakemm ma għandhomx tifsira oħra f'dawn ir-regolamenti;

"awtorità barranija" tfisser il-korp jew korpi nominati minn Stat Membru jew Stat ŻEE biex japprovaw dettalji ta' l-elenku u, jew biex iwettqu dmirijiet relatati skond id-Direttiva;

"Awtorità dwar l-Elenku" tfisser l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta maħtura bħala Awtorità dwar l-Elenku għall-finijiet ta' l-Att;

"prospett għal offerta pubblika" tfisser prospett li jirrigwarda offerta ta' titoli lill-pubbliku mħejji u approvat fi Stat Membru jew fi Stat ŻEE skond id-Direttiva 89/298/KEE;

"regoli dwar l-elenku" tfisser regoli magħmula mill-Awtorità dwar l-Elenku skond l-artikolu 13 ta' l-Att;

"Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Komunità Ewropea;

"Stat ŻEE" tfisser Stat li jkun parti kontraenti fil-ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea ffirmat f'Oporto fit-2 ta' Mejju, 1992 kif kif ikun fis-seħħ f'dak iż-żmien kif emendat bil-Protokol iffirmat fi Brussel fis-17 ta' Marzu, 1993 u kif emendat minn żmien għal żmien.

Regoli li jgħoddu għad-dettalji dwar l-elenku.

3. (1) Meta ssir applikazzjoni għall-ammissibbiltà ta' l-elenku f'Malta fl-istess ħin jew fi żmien qasir minn applikazzjoni għall-ammissjoni għall-elenku ta' l-istess titoli fuq xi borża jew boroż sitwati u li joperaw minn Stat Membru jew Stat taż-ŻEE wieħed jew aktar, inkluż l-Istat Membru jew Stat taż-ŻEE li fih hu sitwat l-uffiċċju reġistrat ta' min joħroġ it-titoli, id-dettalji dwar l-elenku għandhom jitħejju skond ir-regoli ta' l-Istat Membru jew Stat taż-ŻEE li fih min joħroġ it-titoli għandu l-uffiċċju reġistrat tiegħu u għandhom skond hekk jiġu approvati mill-awtoritajiet barranin ta' dak l-Istat.

(2) Meta l-uffiċċju reġistrat ta' min joħroġ it-titoli ma jkunx sitwat f'wieħed mill-Istati Membri jew mill-Istati taż-ŻEE fejn issir l-applikazzjoni għall-ammissjoni, min joħroġ it-titoli jkun marbut li jagħżel wieħed minn dawk l-Istati Membri jew Stati taż-ŻEE li taħt il-liġijiet tagħhom id-dettalji dwar l-elenku għandhom jiġu mħejjija u approvati.

Rikonoxximent tad-dettalji dwar l-elenku mill-Awtorità dwar l-Elenku.

4. Id-dettalji dwar l-elenku approvati skond ir-regolament 3 għandhom, bla ħsara għal kull ħtieġa ta' traduzzjoni, jiġu rikonoxxuti f'Malta mingħajr il-bżonn li tinkiseb l-approvazzjoni ta' l-Awtorità dwar l-Elenku dwarhom u mingħajr il-bżonn li tiġi mehmuża magħhom informazzjoni addizzjonali:

Iżda l-Awtorità dwar l-Elenku tista' teħtieġ li dawn id-dettalji dwar l-elenku jinkludu informazzjoni supplimentari li tkun speċifika għas-suq f'Malta rigward b'mod partikolari s-sistema ta' taxxa fuq l-*income*, l-organizzazzjonijiet finanzjarji maħtura bħala aġenti li jħallsu għal min joħroġ it-titoli f'Malta kif ukoll dwar il-mod kif jiġu pubblikati l-avviżi għall-investituri.

Rikonoxximent ta' eżenzjoni jew deroga parzjali.

5. (1) Fil-każ fejn tingħata eżenzjoni parzjali jew deroga parzjali mill-Istat Membru jew mill-Istat taż-ŻEE skond id-Direttiva fl-approvazzjoni tad-dettalji dwar l-elenku, l-Awtorità dwar l-Elenku

għandha tirrikonoxxi d-dettalji dwar l-elenku:

Iżda -

(a) l-eżenzjoni parzjali jew d-deroga parzjali inkwistjoni tkun ta' tip kif jista' jiġi rikonoxxut fir-regoli dwar l-elenku; u

(b) il-kondizzjonijiet li jiġġustifikaw l-eżenzjoni parzjali jew id-deroga parzjali jeżistu wkoll f'Malta u ma hemm l-ebda kondizzjoni oħra rigward dik l-eżenzjoni jew deroga li tista' twassal li l-Awtorità dwar l-Elenku tirrifjutahom.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subregolament (1), l-Awtorità dwar l-Elenku tista' tirrikonoxxi dettalji dwar l-elenku approvati mill- awtoritajiet barranin fit-tifsira tar-regolament 3 minkejja li dawn id-dettalji dwar l-elenku ma josservawx il-kondizzjonijiet stabbiliti fis-subregolament (1).

Ċertifikat ta' approvazzjoni.

6. (1) Ir-rikonoxximent tad-dettalji dwar l-elenku mill-Awtorità dwar l-Elenku skond ir-regolamenti 4 u 5 ikun soġġett għas-sottomissjoni ta' ċertifikat ta' approvazzjoni maħruġ mill-awtorità barranija ta' l-Istat Membru jew l-Istat ŻEE li japprova d-dettali dwar l-elenku skond ir-regolament 3.

(2) Jekk tingħata eżenzjoni parzjali jew deroga parzjali mill-awtorità barranija li tapprova d-dettalji dwar l-elenku konformement mad-Direttiva, dak iċ-ċertifikat għandu jiddikjara dak il-fatt u r-raġunijiet għal dik l-eżenzjoni jew dik id-deroga.

(3) Meta l-Awtorità dwar l-Elenku tapprova dettalji dwar l-elenku hi għandha, fuq talba, tibgħat lill-awtoritajiet barranin ta' l-Istati Membri l-oħra jew Stati ŻEE, li fihom tkun saret l-applikazzjoni għall-elenku, ċertifikat ta' approvazzjoni.

(4) Jekk tkun ingħatat eżenzjoni parzjali jew deroga parzjali mill-Awtorità dwar l-Elenku konformement mad-Direttiva, dak iċ-ċertifikat għandu jiddikjara dak il-fatt u r-raġunijiet għal dik l-eżenzjoni jew dik id-deroga.

Għandu jintbagħat abbozz tad-dettalji dwar l-elenku.

7. Meta min joħroġ it-titoli jissottometti applikazzjonijiet għall-ammissjoni fl-elenku ta' boroż li huma sitwati jew joperaw f'żewġ Stati Membri jew iżjed jew f'żewġ Stati ŻEE jew iżjed, min joħroġ it-titoli għandu jibgħat lill-awtoritajiet barranin f'kull wieħed mill-Istati Membri l-oħra jew l-Istati ŻEE l-oħra abbozz tad-dettaliji dwar l-elenku li hu bi ħsiebu juża f'dak l-Istat.

Firxa ta' applikabilità.

8. Id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4, 5, 6 u 7 japplikaw

biss għal min joħroġ it-titoli li jkollu l-indirizz reġistrat fi Stat Membru jew fi Stat ŻEE.

Prospett għal offerta pubblika.

9. (1) Meta ssir applikazzjoni għall-ammissibbilità għall-elenku f'Malta lill-Awtorità dwar l-Elenku u t-titoli li dwarhom issir l-applikazzjoni kienu digà ġew offerti permezz ta' prospett għal offerta pubblika mħejji u approvat fi Stat Membru ieħor jew fi Stat ŻEE ieħor skond l-artikoli 7, 8 jew 12 tad-Direttiva 89/298/KEE fit-tliet xhur minnufih qabel l-applikazzjoni għall-ammissibbilità f'Malta, l-prospett għal offerta pubblika għandu, bla ħsara għal xi ħtieġa ta' traduzzjoni, jiġi rikonoxxut f'Malta bħala dettalji dwar l-elenku mingħajr il-bżonn li tinkiseb l-approvazzjoni dwaru mill-Awtorità dwar l-Elenku u mingħajr il-ħtieġa li tiġi mehmuża informazzjoni addizzjonali miegħu:

Iżda l-Awtorità dwar l-Elenku tista' teħtieġ li dan il-prospett jinkludi informazzjoni supplimentari li tkun speċifika għas-suq f'Malta inkluża informazzjoni b'mod partikolari rigward is-sistema ta' taxxa fuq l-*income*, l-organizzazzjonijiet finanzjarji maħtura bħala aġenti li jħallsu għal min joħroġ it-titoli f'Malta kif ukoll dwar il-mod kif jiġu pubblikati l-avviżi għall-investituri.

(2) Id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 5, 6, 7 u 8 jgħoddu għal kull prospett ta' offerta pubblika rikonoxxut skond ma hemm fis-subregolament (1).

(3) Meta jirrikorru bidliet li jolqtu l-kontenut ta' prospett għal offerta pubblika fiż-żmien bejn meta jkun ġie adottat il-prospett u meta jibdew l-operazzjonijiet fil-borża, kull fattur jew żvilupp sinifikattiv ġdid li jista' jolqot il-valutazzjoni tat-titoli li jinħolqu bejn dawn il-perjodi għandu jiġi inkluż bħala suppliment għad-dettalji dwar l-elenku, maħruġa skond ir-regoli magħmula mill-Awtorità dwar l-Elenku.

Titoli li jagħtu d-dritt ta' parteċipazzjoni fil-kapital ta' kumpannija.

10. Meta applikazzjoni għall-ammissibbilità għall-elenku f'Malta tirrigwarda titoli li jagħtu d-dritt ta' parteċipazzjoni fil-kapital ta' kumpannija jew minnufih jew fl-aħħar tal-perjodu ta' skadenza, u

(a) l-uffiċċju reġistrat ta' min joħroġ l-ishma li t-titoli jagħtu dritt għalihom hu sitwat fi Stat Membru ieħor jew fi Stat ŻEE ieħor; u

(b) l-ishma ta' min joħroġhom digà ġew ammessi għall-elenku f'dak l-Istat Membru jew Stat taż-ŻEE,

l-Awtorità dwar l-Elenku tista' taġixxi biss wara li tkun ikkonsultat ma' l-awtorità barranija fl-Istat Membru jew fl-Istat ŻEE li fih ikun

sitwat l-uffiċċju reġistrat ta' min joħroġ l-ishma inkwistjoni.

Titoli elenkati fi Stat Membru ieħor jew fi Stat taż-ŻEE ieħor.

11. Meta ssir applikazzjoni għall-ammissibbilità f'Malta għal titoli li jkunu ġew elenkati fi Stat Membru ieħor jew Stat taż-ŻEE ieħor mhux aktar minn sitt xhur qabel, l-Awtorità dwar l-Elenku għandha tagħmel kuntatt ma' l-awtoritajiet barranin li jkunu diġà ammettew it-titoli għall-elenku u għandha, kemm ikun possibbli, teżenta lil min joħroġ dawk it-titoli mit-tħejjija ta' dettalji ġodda dwar l-elenku, bla ħsara għal kull ħtieġa ta' aġġornar, traduzzjoni jew il-ħruġ ta' informazzjoni supplimentari skond ir-regoli dwar l-elenku, inklużi kull fattur jew żvilupp sinifikattiv ġdid li jista' jolqot il-valutazzjoni tat-titoli li jinħolqu bejn meta t-titoli jkunu ġew ammessi għall-elenku u meta ssir l-applikazzjoni għall-elenku f'Malta.